**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**

**Vs**

**Bronwen Bugeja**

**Kaz Nru: 700/2012**

**Illum 5 ta' Ottubru 2015**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Bronwen Bugeja ta' 22 sena, iben Emanuel Bugeja u Brigitte nee' Abela, imwieled Pieta', nhar it-30 ta' April, 1990 li joqghod 34, Mangbrig, Triq il-Gistakor, Ghaxaq, Malta u li ghandu numru tal-karta tal-identita' 217890(M)

Talli nhar l-1 ta' Mejju 2012 ghall-habta tad-9.30 ta' filghaxija, barra l-istabiliment 'Numero Uno' li jinsab Ta' Qali, limiti ta' Attard u f'dawn il-Gzejjer Maltin, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Warren Schembri, li ghandu numru tal-karta tal-identita' 214086(M), skond certifikat mahrug minn Dr M. Buhagiar M.D. mill-Isptar Mater Dei.

U aktar talli sar recediv b'sentenza tal-Qorti liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat jinsab akkuzat li kkaguna ferita gravi fuq il-persuna ta' Warren Schembri u li huwa recediv.

Illi mill-atti jirrizulta li fl-1 ta' Mejju 2012 l-imputat flimkien ma' erba' persuni ohra marru bil-karozza ta' l-imputat gewwa Ta' Qali biex jattendu party fl-istabiliment 'Numero Uno'. Huma marru wara nofsinhar. Dawn il-persuni kienu Cressida Magro, Roxanne Farrugia, Fiona Ellul u Clayton Vella. Jirrizulta li huma damu sa filghaxija. Gara illi f'punt minnhom Cressida Magro u Roxanne Bugeja ddecidew li riedu jmorru d-dar u jmorru bil-karozza ma' certu Warren Schembri ghall-habta tad-9.30p.m.

Jirrizulta li l-imputat, ghal xi raguni li ma tirrizultax mill-atti, ma ha xejn gost li Cressida Magro kienet se titlaq ma' Warren Schembri u ghalhekk huwa mar fuqha waqt li Cressida Magro, Warren Schembri u Roxanne Farrugia kienu diga' barra l-istabiliment. L-imputat beda jghid lil Cressida Magro biex tinzel mieghu izda billi l-ghada hija kienet skola ma setghetx toqghod hemm. Huwa beda jgebbed fiha u billi kienet bit-takkuna waqghet.

Sa dan il-punt il-versjonijiet tal-prosekuzzjoni, il-parte leza u l-imputat jikkombacjaw. Fil-fatt lanqas li kien hemm argument bejn Warren Schembri u l-imputat u li gew fl-idejn mhu kontestat. Dak li huwa kontestat huwa kif u min hebb l-ewwel ghall-iehor.

Il-parte leza Warren Schembri jixhed li hekk kif ra lil Cressida Magro ma' l-art huwa mar biex ighinha. Kif kien se jerfaghha, l-imputat tah daqqa minn wara u huwa waqa' mal-art. Kompla jaghtih bis-sieq, laqtu f'ghajnejh u Cressida Magro intefghet fuqu biex jieqaf jaghtih.

Min-naha tieghu l-imputat irrilaxxja stqarrija kif ukoll ta x-xhieda tieghu. Fl-istqarrija jghid li hekk kif mar biex ikellem lil Cressida Magro, Warren Schembri qabad ighajjat mieghu u qallu li kien se jaghtih l-ahhar cans biex ikellimha. X'hin l-imputat ressaq idu ma'

wicc Warren Schembri, dan ta' l-ahhar gidmu f'subghajh iz-zghir u tah daqqa taht ghajnejh. Kif gara hekk l-imputat qabad itih billi ma riedx jitlaq subghajh minn go halqu. Fix-xhieda tieghu imbaghad jixhed is-segwenti:

*"Imputat: Konna qeghdin barra u din Cressida giet fuqi qaltli ha mmur ghax sar il-hin qaltli u qaltli niezla ma' Roxanne u Warren. U Warren f'xi hin bdiet tkellimni u hekk gie bil-paroli.*

*Avukat: Ghaliex?*

*Imputat: Ghax bdiet tkellimni u hekk.*

*Avukat: Safejn taf inti kien hemm relazzjoni, hbiberija bejn Warren u Cressida?*

*Imputat: Ma nafx. Ma nafx qatt ma qaltli xejn lili. U ezempju jien qbadtha minn idejha ghidtilha ejja 'l hawn ghaidtilha halli ma niggieldux ma' Warren u f'xi hin qbadtha minn idejha. Hemmhekk kien hemm kocc gebel, kocc zrar hemmhekk in-Numero Uno hemm wara u kienet bit-takkuna Cressida Magro u f'xi hin qbadtha waqghet hi. F'xi hin ha nigborha, gie Warren u hebb ghalija. U jiena f'xi hin gej itini bil-ponn ghamilt subghajja hekk ghamilt idejja hekk u hatafli subghajja dan iz-zghir. Imbaghad fix hin rajtu subghajja go halqu umbaghad bdejt intieh b'idejja l-ohra biex jitlaqni ghax ma riedx jitlaqni".*

Ftit wara l-akkadut, l-imputat ma kienx qal li huwa mar biex jigbor lil Cressida Magro. Ix-xhieda ta' Cressida Magro u Roxanne Farrugia madankollu jaghtu kredibilita' ghall-versjoni moghtija minn Warren Schembri. Infatti dawn iz-zewg  xhieda spjegaw li kien Warren Schembri li mar biex jerfa' lil Cressida Magro minn ma' l-art u mhux l-imputat. Dak il-hin Schembri zgur li ma kienx f'posizzjoni li jigdem lill-imputat u sa dak il-hin ma kellu l-ebda raguni ghalfejn jigdem lill-imputat. Li gara kien li l-imputat kif ra lil Warren Schembri se jerfa mill-art lil Cressida Magro qabad jaghtih minn wara u tah anki daqqa ta' ponn tant li Schembri eventwalment spicca mal-art u l-imputat tah anki bis-sieq. Jirrizulta li l-imputat f'dan l-argument wkoll safa' mwegga ghaliex ingidem f'subghajh iz-zghir, kellu brix fuq idu l-leminija u kellu tbengila u nefha fuq il-warda ta' wiccu l-leminija u x-xoffa. Dawn il-griehi gew iccertifikati bhala hfief.

Illi stabilit dan kollu, l-imputat jissolleva li huwa agixxa biex jiddefendi lilu nnifsu. Madankollu mir-rizultanzi processwali huwa altru milli evidenti li kien huwa li mar ifittex l-argument u kien huwa li beda l-istess argument u li qabad jaghti lil Warren Schembri. Huwa evidenti li l-imputat ma kellux ghalfejn imur fuq Cressida Magro u Warren Schembri li kienu diga' hargu mill-istabiliment. L-imputat letteralment qabad argument infantili ghaliex ma hax gost li Cressida Magro minflok tinzel mieghu lura d-dar bil-karozza tmur ma' Warren Schembri. Ghalhekk din l-eccezzjoni ma tistax tigi applikata ghall-kaz odjern.

Illi jirrizulta wkoll li Warren Schembri kellu diversi brix fuq rasu, fuq dahru, fuq il-minkeb tax-xellug, kellu ksur fl-ghadma ta' taht l-ghajn. Dr Malcolm Buhagiar, it-tabib fl-emergenza ta' l-isptar Mater Dei, jixhed li kien hemm xi xaham, kien hemm xi arja wkoll li hija xi haga sinifikattiva hafna. Illi dan it-tabib ra lil Warren Schembri darba wahda biss fl-emergenza. Warren Schembru gie riferut ghand l-ophtalmologu. Dr Buhagiar meta mistoqsi din it-tip ta' ferita kemm iddum biex tfieq irrisponda li ma kinitx fil-kompetenza tieghu li jirrispondi izda ta' l-ispecjalista. L-opthalmologu li nvista u segwa lil Schembri ma giex prodott bhala xhud f'dawn il-proceduri. Dr Buhagiar jixhed li huwa kklasifika l-griehi bhala gravi minhabba li l-pazjent sofra ksur fil-wicc. Ma hemmx prova fl-atti madankollu dwar 'il-healing process' ta' dana l-ksur u cioe' kemm dam biex ifieq, jekk fieqx, u jekk il-parti leza sofrietx xi mankament. Ma ntalbet l-ebda nomina ta' espert mediko-legali sabiex jistabilixxi x'kienet in-natura ta' din il-ferita. Meta xehed Warren Schembri huwa esebixxa Dok WS1 li huma *clinical notes* . Dawn jirrizultaw li huma notamenti li jkopru mit-2 ta' Mejju 2012 meta Warren Schembri gie invistat fid-dipartiment ta' l-opthalmologija u visti sussegwenti. Fil-vista tat-8 ta' Mejju 2012 (l-ahhar notament) insibu li l-pazjent kien tajjeb u t-tabib kiteb *plan reassured.* Ma jirrziultax min iffirma dawn in-notamenti u ebda tabib ma ngab biex jispjegahom u jikkonferma l-kontenut taghhom.

Ghaldaqstant billi ma hemmx prova univoka fl-atti li l-griehi sofferti minn Warren Schembri kienu effettivament griehi ta' natura gravi, il-Qorti ser issib lill-imputat hati li kkaguna griehi ta' natura hafifa biss.

Inkwantu ghall-addebitu tar-recediva din ma gietx ippruvata billi ebda sentenza ma giet ezebita.

Inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni c-cirkostanzi tal-kaz kif ukoll il-fedina penali ta' l-imputat li mhux wahda allarmanti.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati li kkaguna ferita gravi u li huwa recediv u ghaldaqstant tilliberah minn tali imputazzjonijiet, wara li rat l-artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati li kkaguna ferita ta' natura hafifa izda bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Dr Josette Demicoli LL.D
Magistrat